MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2015

Avviz Numru. 98/2013

**Corinthia Construction (Overseas) Limited (C202421)**

**vs**

**Christopher Rizzo u l-mara tieghu Elaine Rizzo**

**ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar l-10 ta' April 2013 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimat prevja kull dikjarazzjoni necessarja, jhallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' erbat elef, tmien mija u ghaxar ewro (€4,810) kwantu ghas-somma ta' tlett elef, sitt mija u sitta u tletin ewro (€3,636) rapprezentanti rifuzjoni ta' ammonti gja mhallsa mis-socjeta' rikorrenti in konnessjoni mal-kiri ta' akkomodazzjoni gewwa l-Libja ghall-perjodu bejn l-1 ta' Novembru 2012 u 31 ta' Jannar 2013 ossia riferenti ghall-perjodu wara t-terminazzjoni mill-impjieg tal-intimat Christopher Rizzo minn mal-istess socjeta' rikorrenti, kif ukoll kwantu ghas-somma ta' elf, mija u erbgha u sebghin ewro (€1,174) rapprezentanti valur ta' proprjeta' mobbli tas-socjeta' rikorrenti fosthom Laptop, USB u sellum, liema oggetti mobbli inzammu mill-intimat Christopher Rizzo fi tmiem l-impjieg tal-istess intimat minn mas-socjeta' rikorrenti minghajr l-awtorizzazzjoni u/jew kunsens tal-istess socjeta rikorrenti, bl-imghax legali kontra l-istess intimat sad-data tal-pagament effettiv, minn issa ingunti sabiex jidhru in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti li giet prezentata fl-4 ta' Mejju 2013 fejn eccepew:

*"It-talbiet tas-socjeta' attrici Corinthia Construction (Overseas) Limited huma inammissibbli u nfondati fil-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess:*

1. *Fl-ewwel lok, in linea preliminari, ai termini tal-Art. 741 (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex il-kompetenza mehtiega sabiex tiddirimi l-azzjoni odjerna. Inoltre, minghajr pregudizzju ghall-premess, din l-Onorabbli Qorti lanqas ma tista' tisma' u tiddeciedi l-azzjoni odjerna stante 'lli, ai termini tal-Art. 742 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta'*

*Malta, ma hijiex vestita bil-gurisdizzjoni mehtiega. Fid-dawl ta' dan, l-azzjoni odjerna hija wahda vessatorja, opressiva u ingusta fil-konfront tal-konvenuti.*

2. *Fit-tieni lok, ukoll in linea preliminari, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuta Elaine Rizzo ghandha tigi liberata mill-osservanza ta' dan il-gudizzju; mhux biss il-konvenuta Elaine Rizzo ma kellha ebda involviment fic-cirkostanzi 'lli wasslu ghall-proceduri odjerni izda wkoll iz-zwieg tal-konjugi Rizzo huwa, ai termini ta' att pubbliku datat 19 ta' Gunju 2012 in atti tan-Nutar Dottor Anne Marie Tonna, dak tal-firda tal-assi.*

3. *Fit-tielet lok, fil-mertu, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat ta' tlett elef, sitt mija u sitta u tletin Ewro (Eur 3,636) ma huwiex dovut stante 'lli l-ftehim bejn il-kontendenti kien 'lli tali ammont jigi pacut ma ammont ferm akbar dovut mill-attrici lill-konvenut Christopher Rizzo. Ghalhekk ukoll, l-azzjoni odjerna hija intempestiva ghall-ahhar.*

4. *Fir-raba' lok, fil-mertu, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat ta' elf, mija u erbgha u sebghin Euro (Eur 1,174) lanqas ma huwa dovut; l-attrici ghandha, fi kwalunkwe kaz, l-ewwel tispecifika hijiex qieghda tirreklama hlas ta' valur ta' oggetti ohra ghajr dawk identifikati fir-rikors promotur.*

*Dwar l-oggetti mobbli minnha identifikati, kif kienet taf tajjeb l-attrici sa minn qabel ma gew promossi l-proceduri odjerni, l-laptop gie misruq minn gewwa l-Libya minhabba imprudenza attribwibbibli unikament lill-attrici, il-usb ma regghetx instabet wara 'lli l-ufficcju minn fejn kien jopera l-konvenut gie okkupat*

*fiz-zmien tal-gwerra civili Libyana, filwaqt illi s-sellum jinsab fil-pussess tal-istess attrici.*

*Fi kwalunkwe kaz, l-attrici mhux biss kien jehtigilha titlob ir-ritorn tal-oggetti mobbli reklamati, izda jehtiegilha tressaq prova tal-valur tal-istess, kif reklamat fil-proceduri odjerni, liema valur huwa eccessiv.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici Corinthia Construction (Overseas) Limited, 'lli hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni."*

Rat in-nota tal-konvenuti li giet prezentata fil-21 ta' Gunju 2013 li permezz taghha pprezentaw att pubbliku datat 8 ta' Marzu, 2013 in atti tan-Nutar Dr Anne Marie Tonna.

**Christopher Rizzo** xehed bil-lingwa Ingliza fit-2 ta' Ottubru 2013 fejn iddikjara li huwa kien impjegat mas-socjeta' attrici biex jahdem il-Libja sad-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu. Huwa kellu l-kariga ta' *general manager* fl-ufficini taghhom fil-Libja. Il-konvenut beda l-kariga tieghu f'Lulju 2002 u spicca f'Ottubru 2012. Filfatt huwa kien iffirma kuntratt definit ghal tliet snin hawn Malta u wara dan il-kuntratt sar wiehed indefinit. Ma' dan il-kuntratt kellu wkoll kuntratt skont il-ligi Libjana.

Ix-xhud tenna li l-operat tal-kumpanija fil-Libja kien ristrett ghal xoghol ta' kostruzzjoni, *project management*, jissuplixxu *readymix concrete* u jesegwixxu kuntratti rigward xoghol ta' kostruzzjoni. Huwa ma jafx li l-kumpanija kellha xi operat hawn Malta. Ix-xhud stqarr li huwa kien membru tal-bord tas-socjeta' attrici u l-ebda wiehed minn dawn l-*operations* li setghu sehhew hawn Malta qatt ma gew diskussi quddiem dan il-bord. Ix-xhud tenna li l-ewwel gie konkluz il-kuntratt Malti u sussegwentement il-kuntratt tal-Libja. Huwa prometta li jesebixxi dawn iz-zewg kuntratti.

Il-konvenut spjega li l-kera tar-residenza offruta mill-kumpanija kienet thallasha s-socjeta' attrici lil sid il-kera. L-ewwel akkomodazzjoni li kellu kienet proprjeta' ta' sid barrani filwaqt li t-tieni akkomodazzjoni kienet proprjeta' ta' cittadin Libjan. Huwa kien jghix il-Libja fis-snin 2011, 2012 u 2013. Huwa ilu jahdem il-Libja minn Lulju 2002. Il-konvenut stqarr li bejn is-snin 2002 u 2012 huwa ma damx iktar minn erbghin (40) gurnata fis-sena hawn Malta. Illum il-gurnata minkejja li l-kuntratt tieghu gie terminat huwa ghadu jghix il-Libja. Huwa jinsab bla xoghol u ilu hekk minn Ottubru 2012.

Il-konvenut mizzewweg u ghandu tlett itfal minn dan iz-zwieg. Il-mara tieghu tghix Malta, it-tifel il-kbir tieghu jghix l-Ingilterra, it-tifla fustanija tghix Malta u t-tifla z-zghira tghix l-Ingilterra fejn qieghda fir-raba' sena Universita'. Huwa kien fetah kaz il-Libja kontra s-socjeta' attrici f'dan ir-rigward tat-terminazzjoni, liema kaz ghadu pendenti sal-lum u dan fuq il-kuntratt Libjan. Il-konvenut iddikjara li huwa jara l-futur tieghu gewwa l-Libja u m'ghandu l-ebda pjan li jmur lura lejn Malta. Huwa ghandu wkoll kaz ghaddej kontra Corinthia Construction (Overseas) Ltd hawn Malta minhabba *unfair dismissal* liema kaz bdieh huwa stess.

Rat in-nota tal-konvenut li giet prezentata fit-23 ta’ Ottubru 2013 li permezz taghha pprezenta s-segwenti:

Dok. CR1 – kopja tal-kuntratt tal-impjieg tieghu mal-kumpanija attrici, konkluz gewwa Malta.

Dok. CR2 - kopja tal-kuntratt tal-impjieg tieghu mal-kumpanija attrici, konkluz gewwa l-Libja (bil-lingwa Gharbija).

Dok. CR3 – kopja tal-kuntratt tal-impjieg tieghu mal-kumpanija attrici, konkluz gewwa l-Libja (tradott ghal-lingwa Ingliza).

Dok. CR4 – kopja tal-att promotur illi permezz tieghu l-istanti pproceda kontra l-kumpannija attrici gewwa s-South Tripoli Court of First Instance, Labour Disputes Circuit (bil-lingwa Gharbija).

Dok. CR5 – kopja tal-att promotur illi permezz tieghu l-istanti pproceda kontra l-kumpannija attrici gewwa s-South Tripoli Court of First Instance, Labour Disputes Circuit (traduzzjoni ghal-lingwa Ingliza).

Dok. CR6 – kopja ta’ estratt mid-Directors report tal-kumpannija attrici liema rapport huwa relattiv ghas-sena li taghlaq 31 ta’ Dicembru 2009.

**Stephen Bajada** xehed fit-13 ta’ Novembru 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta’ *company secretary* tas-socjeta’ attrici liema kumpanija hija registrata hawn Malta. Huwa spjega li l-Libja hemm biss *branch office* tal-kumpanija Maltija. Din il-kumpanija pero’ topera f’diversi gurisdizzjonijiet, fosthom dik tal-Libja fejn is-sede principali taghha jinsab Benghazi, ghalkemm hemm diversi kuntratti ohrajn li jaffettwaw pajjizi ohrajn bhal Praga, Lisbona u Budapest. Illum il-gurnata kuntrarjament il-kuntratti tas-socjeta’ attrici jikkoncernaw il-Libja. Fil-

Libja huma ghamlu diversi affarijiet fosthom hadmu bhala kuntratturi, ghamlu *refurbishment* ta' banek u affarijiet simili u joperaw ukoll site gewwa Bengashir fejn jipproducu *batched concrete*. Meta fix-xhieda tieghu qal Benghazi ried ifisser Bengashir. Mistoqsi jekk in-nies li huma mpjegati bil-kuntratt maghhom mas-socjeta' attrici b'mod partikulari ghal Christopher Rizzo, jekk il-kuntratt tieghu kienx registrat ukoll il-Libja, fisser li l-kuntratt ta' Christopher Rizzo kien originarjament kien sar hawn Malta pero' ghal fini ta' work Visa u mhux ta' salarju kien hemm ukoll kuntratt Libjan. Ix-xhud tenna li s-sur Rizzo kellu zewg funzjonijiet. Kellu funzjoni ta' direttur mas-socjeta' attrici li primarjament kien qed isir hawn Malta ghax il-laqghat kienu jsiru hawn Malta u kellu funzjoni ohra bhala *operations director* fejn primarjament kienet issir il-Libja gewwa Bengashir. Fejn tidhol *operation* tal-*batching plan* kienet issir primarjament Benghasir pero' kellu jahdem ukoll *project meetings* barra mill-Libja u bhala direttur hawn Malta. Il-kumpanija attrici tiddikjara l-assi taghha hawn Malta ghaliex hija registrata hawn Malta. Pero' l-Libja thallas it-taxxa fuq is-sales. Izda t-taxxa fuq profitti jithallsu hawn Malta.

**Gerald Borg** xehed fit-13 ta' Novembru 2013 fejn iddikjara li llum il-gurnata huwa ma ghandu l-ebda kariga fis-socjeta' attrici, pero' fiz-zmien meta kien impjegat il-konvenut ix-xhud kien jokkupa l-kariga kemm ta' Chairman kif ukoll ta' Managing Director. Ix-xhud spjega li l-kumpanija attrici ghandha *branch office* gewwa l-Libja pero' l-kumpanija hija Maltija u hija registrata hawn Malta. Huwa tenna li s-socjeta' attrici ma ghandha l-bazi taghha mkien, ghaliex topera f'diversi pajjizi. Is-socjeta' attrici ghandha prezenza fil-Libja u ilha hemmhekk mis-sena 1997 – 1998, pero' s-socjeta' attrici ghamlet diversi xogholijiet fosthom Corinthia gewwa St Petersburg ir-Russja, gewwa Praga u gewwa Budapest. Ix-xhud stqarr illi jista' jkun pero' li ghamlu xi xoghol ghal hawn Malta, ghax ghalkemm ma bnewx hawn Malta ghamlu xi refurbishment works gewwa

Corinthia San Gorg u l-Corinthia H'Attard. Pero' huwa ma jistax jghid bl-ezatt jekk sarux direttament mis-socjeta' attrici jew taht socjeta' ohra li tahtha taqa' s-socjeta' attrici maghrufa bhala QBM Limited. Is-socjeta' attrici pero' thallas it-taxxi taghha hawn Malta. Huwa ma jafx jekk bhala kumpanija jew bhala *branch* gewwa l-Libja taghmel xi dikjarazzjonijiet kummercjali.

**Christopher Rizzo** xehed bl-Ingliz fit-13 ta' Novembru 2013 fejn iddikjara li fiz-zmien li kien hemm *civil unrest* fil-Libja u cioe' bejn Frar u Settembru 2011 huwa ghamel aktar zmien f'Malta milli fil-Libja. Pero' l-avvenimenti pertinenti ghall-kaz in kwistjoni kienu sehhew fil-Libja biss.

**Joseph Mifsud**, prodott mis-socjeta' attrici, xehed fit-8 ta' Jannar 2014 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' Managing Director ta' zewg kumpaniji li huma sussidjarji tas-socjeta' Corinthia Group. Mistoqsi jekk qattx kien involut mas-socjeta' attrici wiegeb li iva kien Financial Controller sas-sena 2011. Huwa spjega li l-konvenut kien jithallas mensilment b'direct credit mill-kumpanija ghall-kont tal-bank tieghu li kellu Malta. Dan skond dak li kien dovut lilu skond il-kuntratt iffirmat minnu u mis-socjeta' attrici li qieghed esebit fl-atti u mmarkat Dok CRI a fol 25 et seq. Huwa tenna li t-taxxi u l-obbligi tal-konvenut kienu jigu kalkolati skond il-Ligi ta' Malta u dan kif imnizzel fi klawsola 12 tal-istess kuntratt. Mistoqsi jekk kienx jaf dwar il-kuntratt li l-konvenut kellu l-Libja, ix-xhud wiegeb li ma kien jaf xejn ghax probabilment dan il-kuntratt kien wiehed konfidenzjali skond is-setup li kien hemm il-Libja. Ghalhekk huwa qatt ma ghamel referenza ghal dan il-kuntratt mal-konvenut. Ix-xhud spjega li sabiex tahdem il-Libja irid ikollok *work permit* skont il-ligijiet tal-Libja. Dan huwa necessarju sabiex tohrog il-Visa.

Mistoqsi mill-Qorti jekk il-kumpanija attrici kienetx taghmel xi pagamenti ohrajn lill-konvenut gewwa l-Libja wiegeb li mir-rekords tal-kumpanija ma jirrizultax li qatt saru t-tali pagamenti. Mistoqsi jekk kienitx tohrog xi formola ta' FS3 lil Christopher Rizzo hawn Malta wiegeb li iva. Huwa esebixxa kopja tal-payslips tas-sena 2011 tal-konvenut ta' meta x-xhud kien financial controller. Ix-xhud esebixxa wkoll l-FS3 relattiva u l-FS7 li tinkorpora l-pagi kollha tal-impjegati tal-kumpanija. Dawn it-tliet dokumenti gew annessi u jiffurmaw parti mill-istess dokument li huwa mmarkat bhala Dokument JM.

Ix-xhud saritlu referenza ghat-tielet faccata tad-dokument JM li hija payslip datata 1 ta' April 2011 sa 30 ta' April 2011 u b'mod partikolari ghal kolonna tan-nofs fejn hemm indikat *tax refund* u *nic overseas*. Huwa spjega li Christopher Rizzo kien impjegat bhala on a net pay basis. Ghalhekk meta kienet tapplika ghas-Section 56 tal-Income Tax Act li kienet tirregola n-nies fi gradi b'kuntratt Malti, pero' tirrikjedihom li jaghmlu iktar minn sitt xhur xoghol barra minn Malta u li kellha rata ta' taxxa li ma kinitx il-progressive rate kif tinhadem ghal Malti normali li jahdem hawn Malta. Min kien jahdem il-Libja u kellu income dikjarat il-Libja ma kienx ihallas taxxa hawn Malta. Pero' fis-sena 2011, il-Gvern kien biddel il-ligi u ghamel rata ta' taxxa ta' hmistax fil-mija fuq kuntratti bhal dawn ta' impjieg barra minn Malta. Ghalhekk meta raw kif l-applikazzjoni tal-ligi l-gdida kienet ser tahdem, huma ziedulu r-refuzjoni tat-taxxa ghat-tliet xhur ta' Jannar, Frar u Marzu 2011 flimkien ma' rata netta bazika tieghu ta' €7,893.24 fejn naturalment qeghdin japplikaw ghal hmistax fil-mija skond il-ligi Maltija u ghalhekk kien hemm ukoll ir-rifuzjoni tal-bolla ta' €561.510 u dan ghax il-persuna kienet tkun qed tigi kunsidrata bhala self employed u allura l-bolla kellha tithallas direttament minnu u ghalhekk il-kumpanija taghtu refund sabiex jaghmel il-hlas direttament hu. Dan huwa qed jghidu dejjem taht l-iskema l-gdida u anke ta' kif kienet is-sistema qabel fis-Section 56. Kien ghalhekk li l-gross

pay ta' Christopher Rizzo ghal dak ix-xahar partikolari kien jammonta ghal €12,633.510. L-NI payments tieghu filfatt kienu jithallsu kull erba' xhur bhal *provisional tax payments* tas-*self employed*. Dan skond in-*national insurance* skond ir-regime ta' Malta. Ghalhekk dawn huma rifuzjonijiet tan-*national insurance* Malti li suppost kien hallas. Ix-xhud qal li l-bonuses tal-Gvern kienu jithallsu lill-konvenut b'mod normali skond il-ligi Maltija u kien anke jiehu z-zieda tal-gholi tal-hajja.

Mistoqsi fejn kienu jikkorrespondu ma' Christopher Rizzo wiegeb li kienu jibghatuhomlu fil-font 15, Triq Giorgio Lucano, Iklin. L-oggettivi tas-socjeta' attrici kienu sabiex timmanigja l-Malta Construction and Project Contracts u kienu responsabbli wkoll bhala Head Office branch hawn Malta ghal branch li kien hemm il-Libja. Ix-xhud spjega li jekk per ezempju huma kienu qeghdin jibnu hotel barra minn Malta, jkun hemm *site management* fuq il-post ta' kostruzzjoni barra minn Malta pero' x-xoghol amministrattiv rigwardanti dik il-kostruzzjoni kienet issir hawn Malta bhal per ezempju *billing, invoicing* u hlasijiet ta' pagi. Mistoqsi kemm kien hemm nies impjegati ma' socjeta' barra minn Malta wiegeb li difficli tghid ghax dawn il-progetti kienu jvarjaw u n-numru ta' nies kien ivarja skond il-progett li jkollu pero' kienu jkunu anqas minn hamsin in toto.

Ix-xhud tenna li l-*corporate tax* ta' CCOL kienet tithallas hawn Malta. Pero' dwar il-branch tal-income kienet timxi skond ir-regolamenti tal-Gvern Libjan u kienu jaghmlu dikjarazzjoni skond il-Libja. Ghalhekk kien hemm obbligu fiskali l-Libja li naturalment kienu jobduhom. Mistoqsi jekk jafx lill-konvenut personalment wiegeb li iva jafu fuq xoghol. Il-kuntratt kien jirrikjedi li l-konvenut kien jahdem u jghix il-Libja, pero' fil-*field breaks* tieghu jahseb li kien jigi Malta. Mistoqsi jekk

jafx fuq xiex titratta l-kawza in kwistjoni wiegeb li le ma jafx. Huwa ilu li telaq minn mas-socjeta' attrici mis-sena 2011.

**Stephen Bajada** xehed in kontro-ezami nhar it-12 ta' Frar 2014 fejn saritlu referenza ghax-xhieda li kien ta quddiem din il-Qorti fit-13 ta' Novembru 2013 u filfatt xtaq jaghmel xi korrezzjonijiet. Huwa spjega li filfatt is-sede tal-Corinthia Constructions Limited mhix gewwa Bengazi u l-branch mhix gewwa Tripli, gewwa Bengazi kif hemm indikat a fol 44, izda qieghda Bengashir gewwa Tripli u cioe' suburb ta' Tripli. Huwa ddikjara li ma kien jaf xejn dwar il-kuntratt li Christopher Rizzo kellu l-Libja, izda sar jaf bih meta dan gie esebit il-Qorti. Ix-xhud spjega li l-konvenut kien involut *at a board level* dwar il-progetti li ma kellhomx x'jaqsmu mal-Libja. Ix-xhud stqarr illi ma jafx li min iffirma fuq il-kuntratt li sar in konnessjoni mal-Libja kien iffirma bhala rapprezentant tas-socjeta' attrici. Huwa filfatt qal li ma jahsibx li din hija firma ta' xi wiehed mid-diretturi.

Ix-xhud esebixxa kopja tal-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta' attrici u kif ukoll Certificate of Registration taghha li gew immarkati mill-Qorti bhala Dokument CCOL u CCOL1. Huwa kkonferma li l-konvenut Christopher Rizzo kien direttur ta' din l-istess socjeta' attrici. Huwa esebixxa wkoll kopja tal-Form K li giet registrata mal-Malta Financial Services Authority li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument CCOL2 fejn hemm indikat li Christopher Rizzo kien gie appuntat bhala direttur fis-26 ta' Awwissu 2005. Huwa esebixxa wkoll kopja tal-Form K li kien iffirma l-konvenut meta huwa kien spicca minn dan l-impjieg. Din hija ffirmata mix-xhud bhala company secretary tas-socjeta' attrici u hija effettiva mis-17 ta' Ottubru 2012. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument CCOL3. Huwa tenna li l-konvenut kien impjegat mas-socjeta'

attrici u kien ukoll registrat mal-ETC hawn Malta. Huwa esebixxa kopja tad-dokumentazzjoni relattiva ghall-impjieg tieghu li qed tigi mmarkata mill-Qorti bhala dokument CCOL4, li tikkonsisti fl-*engagement form* tal-ETC, kif ukoll kopja tal-*history* mehuda mill-ETC u li qed tigi mmarkata bhala dokument CCOL5 li tindika li huwa kien impjegat sas-16 ta' Ottubru 2012. Ix-xhud qal illi l-perjodu tal-impjieg ta' Christopher Rizzo mas-socjeta' attrici kien wiehed interrot u kien baqa' hekk registrat mal-ETC. Huwa ghamel xi verifiki dwar il-kuntratt tal-Libja u vverifika l-financial books taghna li nzommu gewwa Libya in kwantu ghal kwistjoni ta' jekk is-sur Rizzo kienx jithallas salarju gewwa Libya u mill-verifiki li ghamel ma rrizultax li effettivament Christopher Rizzo qatt ircieva xi salarju gewwa Libja u dan naturalment skont informazzjoni li giet moghtija lilu. Ghalhekk tenna li Christopher Rizzo kien jithallas abbazi ta' contract of employment li huwa registrat hawn Malta, u s-salarju tieghu kien imur elettronikament dritt fil-kont tieghu bankarju hawn Malta. Huwa qal li l-*board meetings* tas-socjeta' attrici li kienu jinzammu, kienu bejn tnejn u erbgha fis-sena hawn Malta, hlief xi wiehed jew tnejn fi spazju ta' erba' snin li nzammu gewwa l-Libja.

Ix-xhud spjega li s-sur Rizzo dejjem attenda ghal dawn il-laqghat apparti tnejn u dan naturalment skont ir-records mizmuma minnu. Mistoqsi jekk bhala *company secretary*, kull kuntratt iridx jghaddi minn taht idejh wiegeb li le mhux suppost. Mistoqsi jekk jafx min hu Mabuk El Ghariani, wiegeb li ma jafx min hu, u qatt ma ra firem tieghu. Meta huwa qal li huwa qatt ma ra l-kuntratt iffirmat gewwa l-Libja, dan qed jaghmlu b'referenza ghad-dokument CR2 esebit fl-atti a fol 29 tal-process. Pero' naturalment huwa ma jafx bl-Gharbi u ghalhekk ma jistax jghid jekk huwiex l-istess kuntratt li kien gie muri lilu, ghalkemm il-*letterhead* hija *letterhead* tas-CCOL, li hija s-socjeta' attrici gewwa l-Libja, din hija tal-branch office taghhom. Mistoqsi minghand min gab l-informazzjoni li hu ma thallasx

abbazi tal-kuntratt gewwa l-Libja qal li l-informazzjoni giet moghtija lilu mill-*financial controller* certu Alan Schembri, kif ukoll mill-assistent tieghu certu Rifat Mahmoud li kunjomu ma jafux. Fejn jidhol impjieg ta' mpjegati mas-socjeta' attrici ma jafx li hemm xi registrazzjoni gewwa Libja u ma jafx jixhed dwarha, pero' fejn tidhol kwistjoni dwar il-licenzja tal-kumpanija jaf li hemm registrazzjoni tal-*branch office* gewwa Libja li effettivament is-sur Rizzo stess kien jiehu hsieb personalment. Sa fejn jaf ix-xhud il-*branch office* kien registrat taht il-municipju ta' Tripli. Huwa jiftakar li kien hemm zmien meta l-fajl kien ser jigi trasferit gewwa l-municipju ta' Bengashir u kien hemm diskussjonijiet fil-bord mid-diretturi jekk jaqbilx li jaghmlu hekk, peress li setghu tilfu t-triq tal-connections li kien hemm. Huwa spjega li sabiex ikollok branch registrat gewwa Libja jrid ikollok li l-kumpanija trid tkun wahda barranija. Ix-xhud mhux kapaci jwiegeb jekk hemmx bzonn li jkun hemm numru ta' impjegati mas-sistema Libjana biex il-branch office ikun jista' jigi registrat gewwa Libja.

**Joe Galea** xehed fit-12 ta' Marzu, 2014 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' Finance Director tal-Corinthia Group. Bhala group director huwa spjega li ghandu oversight tal-financial statements tal-kumpaniji kollha li jaqghu taht il-Corinthia. Naturalment dawn ma jsirux direttament minnu pero' huwa jsegwi dak li jkun ghaddej tahtu. Pero' ghar-rigward il-payroll tal-impjegati ta' CCOL tas-sena 2012, wara li Joe Mifsud li kien inkarigat minn dan ix-xoghol kien gie trasferit sabiex jahdem ta' Managing Director fuq zewg kumpaniji ohra, ix-xhud kien gie mitlub biex jiehu hsieb peress li kien hemm biss tlieta minn nies involuti. Huwa spjega li dan sar fis-sena 2012 u kkonferma li l-konvenut kien wiehed minn dawn l-impjegati diretti ta' CCOL u naturalment kien fuq il-payroll tas-socjeta' hawn Malta. Fil-fatt ikkonferma li l-konvenut kien registrat hawn Malta mat-taxxa u sahansitra kienu jaghmlulu wkoll l-FS3 u sussugwentament dawn it-tliet impjegati kienu jidhlu fl-FS7 li kienu jissottomettu lid-dipartiment.

Ix-xhud esebixxa lista ta’ *payroll payments* ghas-sena 2012 li l-Qorti mmarkat bhala Dokument JG. Fuq dan id-dokument jidhru tlieta minn nies li huma mpjegati ta’ CCOL fosthom il-konvenut, Tim Ferrante u M. Farrugia. Huwa esebixxa wkoll l-FS7 tal-kumpanija Business Construction (Overseas) Limited u dan fuq perjodu li jispicca 31 ta’ Dicembru 2012 u f’dan hemm sommarju ta’ dawk il-pagamenti li saru lit-tlett individwi msemmija fid-Dokument JG. Din l-FS7 giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument JG1. Flimkien ma’ dan id-dokument JG1 hemm *attached* maghha d-*direct credits* li saru kull xahar mill-bank direttament lil dawn it-tlett minn nies. Dawn isiru fil-kont tal-bank moghti lilhom mill-individwu. Fil-kas tas-Sur Rizzo, il-bank tieghu huwa Bank of Valletta u n-numru tal-kont tieghu huwa 1317312924016. Huwa esebixxa wkoll l-FS3 relatata ma’ Christopher Rizzo li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument JG2, flimkien mal-pagamenti li saru mensiliment ghal perjodu minn Jannar sa Dicembru 2012.

Ix-xhud spjega li fil-formola FS7 jirrizulta fil-parti maghrufa bhala Section E, li huma ma hallsu l-ebda Social Security Contributions u dan peress li dawn it-tlett minn nies kienu qed jahdmu gewwa l-Libja u ghalhekk ma kienux obbligati li jhallsu s-Social Security Contributions, pero’ dawn kienu kkontrattati maghhom bhala *net salary*. Pero’ spjega li f’April, f’Awwissu u f’Dicembru huma kienu jittopjawlhom il-bolla sabiex ihallsu ta’ self empolyed. Fil-kas tas-sur Rizzo fl-2012 huma hallsu ta’ April u ta’ Awwissu pero’ ma hallsux ta’ Dicembru peress li huwa ma kienx ghadu impjegat maghhom. Fil-fatt hemm spjegazzjoni tas-sur Rizzo li f’Mejju u f’Awwissu hemm zieda fis-salarju li huwa relatat mal-bolla. Il-bolla kienet kkalkulata skont is-sistema Maltija, u sussugwentament ihallsu huma direttament lill-Gvern ta’ Malta.

Ix-xhud tenna li l-kumpanija CCOL hija registrata hawn Malta u ghandha Tax Number hawn Malta u gab mieghu siltiet mill-income tax li thallas din l-istess socjeta' li gew immarkati mill-Qorti bhala dokument JG3, is-sena bazi hija ta' 2012. Huwa ma gabx l-income tax return kollha izda estratt minnha. Una volta Christopher Rizzo kien registrat fl-FS3 u fl-FS7, dan ifisser li huwa kien registrat bhala impjegat hawn Malta. Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tal-ETC ta' meta fil-fatt Christopher Rizzo spicca minn maghhom, liema dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument JG4. Huwa stqarr li kien qed jaghmel il-kalkoli tieghu abbazi tal-payroll fuq il-kuntratt li kellu l-istess Christopher Rizzo. Il-kuntratt huwa datat 17 ta' Gunju 2002. Fil-fatt huwa ffirmat mas-socjeta' Corinthia Constructions (Overseas) Limited, li hija kumpanija registrata hawn Malta.

In Kontro Ezami x-xhud xehed illi jaqbel li Christopher Rizzo kien jithallas tax-xoghol li huwa kien jesegwixxi gewwa l-Libja. Huwa ma kienx involut fil-kuntratt tieghu meta kien gie ffirmat il-Libja bejn is-socjeta' attrici u Christopher Rizzo. Mistoqsi jekk jafx bih jghid li normalment meta jkun hemm nies jahdmu l-Libja, sabiex persuna jkollha *work permit* trid tkun registrat ukoll mat-taxxa Libjana. Mistoqsi jekk jafx x'fih dan il-kuntratt jghid li le ma jafx. Mistoqsi jekk is-Sur Rizzo kienx ihallas xi errarju li tikkonsisti xi taxxa gewwa l-Libja, wiegeb li huwa dwar Christopher Rizzo ma jafx xejn personalment li huwa qatt ghamel xi hlas simili. Mistoqsi ghaliex effettivament Christopher Rizzo kien ihallas bolla ta' self employed meta effettivament huwa kien impjegat, wiegeb li huma kienu jaghtuhom din il-facilita biex eventwalment jekk jigu biex japplikaw ghal xi pensjoni ikollhom il-bollol kollha mhallsa. Fil-fatt huma ma kienux isegwu jekk huma kienux effettivament qed ihallsu l-bolla jew le. Pero' huma kienu jhallsuhom taghhom.

**Gerald Borg** xehed in kontro-ezami fit-12 ta' Marzu 2014 fejn iddikjara li l-kumpanija attrici hija *wholly owned* bhala subsidiary ta' Quality Project Management Limited (QPM Ltd). Huwa spjega li kien jokkupa l-kariga ta' Managing Director tas-socjeta' QPM u kien ic-chairman tas-socjeta' attrici ghal diversi snin, sal-ahhar tas-sena 2011. Ix-xhud tenna li meta l-impjegati tas-socjeta' attrici fosthom il-konvenut li kien jahdem gewwa l-Libja, kienu riedu jsiefru, kienu jitolbu permess u una volta dan jigi moghti kienet issir *travel plan* li tkun iffirmata mix-xhud stess.

Ix-xhud spjega li l-konvenut kien ibbazat il-Libja, pero' kontrattwalment kellu tliet vjaggi mhallsin fis-sena mil-Libja ghall-Malta sabiex jigi jara l-familja. Filfatt il-konvenut kellu tletin jum *vacation leave* u kienu qasmuhomlu ghaxra, ghaxra u ghaxra. In segwitu kienu qabdu l-festi pubblici ta' Malta u ziduhom ma' dawn it-tletin gurnata, pero' jekk waqt li jkun il-Libja huwa jiehu xi vaganza li tkun iddikjarata mill-Gvern Libjan bhala vaganza lokali hemmhekk, din naturalment titnaqqas mill-jiem li jkun ha hawn Malta. Huwa stqarr illi effettivament din ir-rikjesta kienet saret proprju fuq talba tal-konvenut. Huwa kien ilu xi hames jew sitt snin jahdem maghhom. Filfatt kien ikun anke prattiku fis-sens anke jekk ikun ser jaghmel xi board meeting hawn Malta, ix-xhud kien jaghmlu l-Hamis sabiex imbaghad il-konvenut ikun jista' joqghod Malta l-weekend shih. Effettivament kien hemm zewg talbiet, wahda minnhom sabiex il-festi nazzjonali ta' hawn Malta jizdiedu ma' tletin gurnata li huwa kellu fil-kuntratt maghhom u fit-tieni lok Christopher Rizzo kien talab ukoll b'mod specifiku li jkun jista' jghaddi aktar hin hawn Malta peress li kellu problemi familjari. Filfatt kien talab li jizdiedlu l-leave minn 30 ghal 65 gurnata u r-raguni kienet sabiex ikun aktar vicin ghall-familja tieghu li kienet tghix hawn Malta.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi rikjesta ohra in konnessjoni mal-fatt li huwa kien jahdem il-Libja maghmula mill-konvenut wiegeb li le huwa ma jafx bihom. Huwa tenna li meta kienu ghaddew xi seba' snin peress li huwa kien ilu jahdem hemm mill-2002 u cioe' fis-sena 2009, il-konvenut kien talab sabiex jigi rilokat hawn Malta. Ix-xhud stqarr li kienu qeghdin johduha in konsiderazzjoni ghax filfatt kellhom progett kbir maghruf bhala Palm City u dan il-progett kien gewwa l-Libja. Filfatt kien nfurmawh li kienu semghu l-ilment tieghu u kienu ser johduha in konsiderazzjoni pero' kienu talbuh sabiex l-ewwel jispicca l-progett ta' Palm City li effettivament kien diga beda. Ix-xhud tenna li l-konvenut kien ghamillu talba diversi drabi sabiex jigi lura hawn Malta diversi drabi.

In ri-ezami x-xhud iddikjara li sa fejn kien jaf hu, il-konvenut sakemm kien baqa' mpjegat mas-socjeta' attrici, il-konvenut baqa' dejjem jahdem il-Libja.

**Alfred Pisani** xehed fl-14 ta' April 2014 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' Founder u Chairman tas-socjeta' Corinthia Group. Is-socjeta' attrici fil-fatt tifforma parti minn dan l-istess grupp. Huwa spjega li oht Christopher Rizzo fil-fatt hija l-mara tax-xhud, u fil-fatt Christopher kien impjegat mal-kumpanija li ghandhom gewwa l-Libja li tirrigwarda l-construction. Fil-fatt l-impjieg tieghu beda meta gew biex jibnu Palm City. Fil-fatt l-impjieg tieghu kien mas-socjeta attrici. Ix-xhud esebixxa dokument li l-Qorti mmarkat bhala Dokument AP liema dokumentazzjoni hija datata 6 ta' Jannar 2006, li titratta nformazzjoni li giet moghtija lilu mis-sur Borg li huwa fil-fatt ir-rapprezentant ta' CCOL hawn Malta. Fil-fatt is-sur Borg huwa Chairman u Managing Director tal-kumpanija CCOL fejn effettivament kien impjegat Christopher Rizzo. Huwa qal li s-socjeta' QPM fil-fatt hija s-sid tas-socjeta' CCOL. Ghalkemm Christopher Rizzo kien qed jahdem gewwa l-Libja huwa kien rikonoxxut bhala impjegat Malti, tant hu hekk li fil-fatt,

ghalkemm il-Libjani jahdmu sitt ijiem fil-gimgha, Christopher Rizzo kien jahdem u kien intitulat li jahdem ghal hamest ijiem fil-gimgha. Pero' minkejja li huwa kien qed jahdem sitt ijiem xoghol fil-gimgha huwa xtaq li dik il-gurnata zejda li kien qieghed jaghmel fil-gimgha tizdiet bhala leave tieghu annwalment, biex b'hekk huwa jkun jista jiehu aktar leave hawn Malta. Dan ghax fil-fatt huwa xtaq li jghaddi aktar zmien hawn Malta peress li ma kienx qieghed jghaddi bizzejjed zmien mal-familja tieghu.

Ix-xhud esebixxa wkoll korrespondenza ohra datata 2008 li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument AP1. Huwa kkonferma fil-fatt li din l-email hija datata 24 ta' Marzu 2008 u din giet mibghuta lix-xhud mill-istess Christopher. Fil-fatt huma kienu accettaw li l-leave ta' Christopher Rizzo jizdied b'117 gurnata hawn Malta. Fis-sena 2008 Christopher Rizzo kien infurmah li x-xoghol gewwa l-Libja kien dalwaqt jispicca u ghalhekk kien talab biex jigi trasferit u jkompli bix-xoghol hawn Malta. Fil-fatt f'din l-istess ittra tal-24 ta' Marzu huma qalulu li kienu lesti li jimxi b'din l-istess direzzjoni u li kien hemm xi hadd li xtaq ilaqqghu mieghu sabiex huwa jiehu take over minn fuqu gewwa Libja, u ghalhekk xtaq jikkonferma li t-talba tas-sur Rizzo kienet li jigi lura hawn Malta. Sussugwentament spjega li din ir-replacement ma saritx u Christopher Rizzo baqa jahdem gewwa l-Libya,  pero' talbuh biex jaghtuh aktar cans sabiex isibu replacement iehor, u jekk mhux sejjer zball fit-2010, 2011 fegget il-gwerra gewwa l-Libja u Christopher gie lura hawn Malta u waqt li kienet ghaddejja il-gwerra huwa baqa' hawn Malta. Pero' huwa rega' mar lura meta huma marru lura biex ikomplu x-xoghol taghhom. Ix-xhud fil-fatt jghix faccata tas-sur Rizzo hawn Malta gewwa l-Iklin, u meta sur Rizzo ikun hawn Malta huwa jarah naturalment. Il-familja tas-sur Rizzo hija bazata hawn Malta. Ix-xhud ma jirrizultalux li effettivament is-sur Rizzo ma riedx jigi lura hawn Malta. Fil-fatt l-impjieg tas-sur Rizzo ma' CCOL gie mitmum xi sena u nofs ilu. Minn mindu

Christopher Rizzo ittermina l-impieg tieghu x-xhud kellu tlett laqghat mas-sur Rizzo u dan ghax ix-xhud xtaq li r-relazzjoni ta' bejniethom tibqa tajba.

Sa fejn naf ix-xhud is-sur Rizzo mhux qieghed jghix hawn Malta b'mod regolari pero' fejn qieghed illum il-gurnata ma jistax jghid. Huwa spjega li din il-kawza in kwistjoni tikkoncerna hwejjeg u mobbli gewwa l-Libja. Huwa kkonferma li effettivament Christopher Rizzo kien impjegat maghhom hawn Malta skont kuntratt iffirmat hawn Malta. Pero' sabiex ikun jista' jahdem il-Libya qal li jrid jaghmel kuntratt iehor li jigi registrat il-Libja sabiex il-persuna koncernata tkun tista tahdem hemmhekk u thallas taxxa u national insurance. Pero' x-xhud jaqbel li l-obbligu tax-xoghol tas-sur Rizzo kien biex jigi ezegwit gewwa l-Libja.

**Ivan Cilia** bhala rapprezentant tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali xehed fil-21 ta' Mejju 2014 fejn esebixxa dokument li l-Qorti mmarkat bhala Dokument DSS li johrog mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali fir-rigward ta' Christopher Rizzo, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 00573455M. Dan id-dokument juri n-numru ta' kontribuzzjonijiet mhallsa mis-sur Christopher Rizzo mis-sena 1993 sas-sena 2014. Mis-sena 2003 sas-sena 2012 jirrizulta li Christopher Rizzo kellu *full contribution* mad-Dipartiment, u dan sa l-ahhar ta' sena 2012. Huwa spjega li fis-snin 2013 u 2014 ma hemmx xejn registrat bhala *contributions*. Ix-xhud tenna li l-*contributions* ta' din is-sena u cioe' tas-sena 2014 ghadu kmienu hafna biex ikunu mdahhlin, u tas-sena 2013 jista' jkun li jkunu ghadhom ma gewx mill-Inland Revenue u allura ghadhom ma gewx imputtjati fis-sistema. Pero' fis-sistema taghhom ma jidher xejn.

**Stephen Bajada** riprodott in ri-ezami xehed fit-18 ta' Gunju 2014 fejn ghamel referenza tax-xhieda li kien ta fit-12 ta' Frar 2014 u ghamel korrezzjoni fis-sens

illi Christopher Rizzo kien direttur tas-socjeta' CCOL u l-agenda tal-board meetings ta' CCOL ghalkemm predomenantement kien jikkoncerna progetti gewwa l-Libja kienu jigu diskussi xi kultant affarijiet ohrajn li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-Libja. Ix-xhud ma jridx ifisser li effettivament l-impjieg ta' Christopher Rizzo kien interrott waqt l-impjieg tieghu, gie interrott fis-sens illi meta' spicca mix-xoghol minn maghhom huma nformaw l-ETC. Huwa sostna li ma kien hemm l-ebda nterruzzjoni fix-xoghol tieghu mill-bidu tal-impjieg tieghu. Saritlu referenza ghax-xhieda li tieghu tat-13 ta' Novembru 2013 li tinsab a fol 44 tal-process u spjega li s-sistema gewwa l-Libja hija li sabiex tista' tinhareg fiscal invoice trid tmur f'dipartiment partikolari, tistampja din l-istess invoice u thallas it-taxxa fuqha. Illum-il gurnata dawn l-ahhar xahrejn din il-procedura pero' nbidlet.

**Gerald Borg**, riprodott in ri-ezami, xehed ukoll fit-18 ta' Gunju 2014 fejn gie mistoqsi dwar it-talba tas-Sur Rizzo biex jigi rilokat Malta ghal habta tas-sena 2009 u qal illi iva kienet saret effettivament direttament lilu pero' sa fejn jaf hu saret ukoll lic-Chairman Alfred Pisani u dan peress illi kienu jsemmuhielu kemm ic-Chairman u kif ukoll Chris. Mistoqsi jekk huwa kienx jaf bl-offerta li kien ghamel is-Sur Pisani lis-Sur Rizzo u cioe' li jkun jokkupa l-kariga ta' Chairman tas-socjeta' QPM wiegeb illi le ma jaf xejn b'din l-offerta u s-CEO tal-QPM ikun bazat hawn Malta. Huwa jaf li effettivament is-Sur Christopher Rizzo kellu problemi familjari pero' ma jistax jghid liema zmien ezatt. Mistoqsi jekk is-Sur Rizzo kienx ghamel talba specifika biex jizdiedu jiem partikolari fil-leave tieghu wiegeb li jekk mhux sejjer zball it-talba tieghu kienet sabiex ikollu hamsa u sittin gurnata. Fil-fatt kien talab ukoll kif jaghmlu certu haddiema ohra li huwa jkun jahdem il-gimgha biex sussegwentement u fl-ahhar ikollu *time in lieu off* u b'hekk ikollu mija u sbatax-il gurnata leave fis-sena. Dak iz-zmien huwa kien id-Direttur tas-socjeta' CCOL Limited u kellu responsabilta' ta' Bengashir itself fejn kien hemm l-

operat u issa bhala Corinthia bhala sid kienu appuntaw il-kumpanija CCOL biex taghmel project management ta’ Palm City u ghalhekk kien zmien busy hafna. Meta’ huwa kien jghajjat il-board meeting kien naturalment jikkonsulta ma’ shabu d-diretturi l-ohra u permezz tal-*company secretary* kienu jdawru email biex jistabilixxu data. Fejn kien konvenjenti kienu jaghmluh jum il-Hamis pero’ dan ma kienx dejjem possibli.

Mistoqsi jekk jistax ikun li bejn il-perjodu tal-4 ta’ Mejju 2006 u 17 ta’ Frar 2011 jinzammu zewg board meetings biss jum il-Hamis qal illi jista’ jkun. Fis-sena 2004 circa jekk jiftakar sew kienu appuntaw *on secondment* lil Joe Micallef li kien jahdem dak iz-zmien ma’ Attard Brothers u dana fil-kapacita’ tieghu ta’ *finance and admin director* u mistoqsi jekk effettivament din it-talba ghal-leave addizjonali saritx minn Joe Micallef u mhux minn Chris Rizzo kif qal hu fix-xhieda tieghu qal illi jista’ jkun kien hemm talba simili minn Joe Micallef pero’ dik ta’ Chris Rizzo saret zgur.

**Alfred Pisani** xehed in kontro-ezami fis-17 ta’ Settembru 2014 fejn ikkonferma illi Christopher Rizzo kien impjegat ma’ CCOL mis-sena 2002 sas-sena 2012 u dan meta fis-sena 2012 il-konvenut kien irrizenja. Ix-xhud saritlu referenza ghad-dokument AP li hija *internal memo* ezebita fl-atti a fol 129 u qal illi din effettivament ma kinitx giet moghtija lill-istaff l-iehor. Din kienet bejn ix-xhud u bejn Mr. Borg. Huwa tenna li huwa kien ezebiha biex jipprova illi effettivament Christopher Rizzo kien talab illi kull gurnata zejda li huwa jahdem kull gimgha meta’ kien gewwa l-Libja tizdied mal-leave tieghu hawn Malta. In segwitu c-Chairman ta’ CCOL kien iddiskuta din il-proposta tieghu max-xhud u x-xhud accetta u fir-realta’ beda johodhom ukoll.

Huwa kkonferma li Palm City Project beda fis-sena 2006, fis-sena meta harget din l-*internal memo*. Filfatt kien hemm numru ta' mpjegati Maltin li bdew jahdmu fuq dan il-progett gewwa l-Libja. Nixtieq nghid li l-Maltin li talbu jahdmu l-Libja ghamlu hekk ghaliex kellhom il-vantagg fiz-zieda fil-paga. Nixtieq nghid illi meta' marru ma kellhom l-ebda problema. Huma kienu jahdmu erba' gimghat gewwa l-Libja u gimghatejn hawn Malta li effettivament kien jirrifletti l-ftehim taghhom. Pero' naturalment kif jaghmlu kull haddiema ohra, wara xi zmien kienu talbu li huma jghaddu aktar zmien Malta.

Ix-xhud iddikjara li din il-memo kienet relatata biss ghal Christopher Rizzo. Filfatt ikkonferma illi fis-sena 2008 Christopher Rizzo kien il-General Manager ta' CCOL u kien responsabbli ghal *ready mix concrete* li kien jigi supplit gewwa l-Libja u kienu responsabbli wkoll ghal progett ta' Palm City li spicca fl-2010. Christopher kien talab diversi drabi biex jirritorna lura Malta. Huwa kien qallu illi kellu jispicca l-progett u sussegwentement jigi lura Malta. Huwa tenna illi fis-sena 2008 ix-xhud kien offrielu pozizzjoni ta' CEO tas-socjeta' QPM u dan bil-ghan li jigi jahdem hawn Malta. Is-CEO tas-socjeta' QPM ikun hawn Malta. Pero' effettivament ma hadhiex ghaliex ma qablux fuq il-kumpens ghax huwa xtaq izomm l-istess paga li kellu meta' kien il-Libja. Ix-xhud ikkonferma li din il-pozizzjoni ma' QPM inghatat lil haddiehor u Christopher Rizzo baqa' l-Libja. Ikkonferma illi CCOL bhala *branch* tahdem u topera gewwa l-Libja u dan ghax ghandu *operating licence* gewwa l-Libja. Huma jipprezentaw id-dokumentazzjoni taghhom il-Libja kif jaghmlu kull pajjiz u jhallsu t-taxxi hemmhekk. Dik it-taxxa ddikjarawha hawn Malta u jekk hemm differenza ma' dak li jiddikjaraw hawn Malta, ihallsu d-differenza hawn Malta u ghax hija kumpanija registrata hawn Malta. Naturalment kif isir f'kull kumpanija ohra jiddikjaraw il-profitti u t-telf f'kull sena. Peress illi l-kumpanija hija registrata hawn Malta kull impjegat jiffirma kuntratt hawn Malta. Pero' sussegwentement irid jaghmel kuntratt iehor

mal-individwu fil-pajjiz fejn ikun qed jahdem liema kuntratt ikun prezentat lin-National Insurance ta' dak il-pajjiz u dan bil-ghan li jinghata work permit. L-ewwel naturalment taghmel kuntratt hawn Malta u sussegwentement taghmel dak fil-pajjiz l-iehor.

**Joseph Galea** xehed fis-17 ta' Settembru 2014 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' *group finance director* mas-socjeta' Corinthia Group. Huwa spjega li gewwa l-Libja m'hemmx VAT pero' CCOL Libja hija branch ta' CCOL Malta u CCOL Libja thallas it-taxxi dovuti fil-Libja, f'dan illi jfisser li jekk ikun hemm kuntratti li jkollhom bzonn jigu registrati, jigu registrati u sussegwentement jithallas l-istamp duty fuqhom. CCOL Libja thallas ukoll taxxa fuq l-impjegati li hi ekwivalenti tal-FSS hawn Malta. Hija thallas ukoll l-*income tax* fuq il-profitti li taghmel il-Libja biss. CCOL Libja taghmel dikjarazzjoni ghat-taxxa ekwivalenti ghal financial statements prodotti hawn Malta. Illum-il gurnata CCOL Libja ghadha tezisti bhala branch ghalkemm ix-xoghol taghha gie trasferit fuq is-socjeta' BCM li hija kumpanija rregistrata l-Libja. Mistoqsi x'assorbiet mis-CCOL Libja din il-kumpanija l-gdida wiegeb illi assorbiet l-operat fis-sens ta' speci ta' transfer ta' *going concern*.

**Joseph Mifsud** xehed fis-26 ta' Novembru 2014 in kontro-ezami fejn iddikjara li llum-il gurnata huwa m'ghandu l-ebda kariga fis-socjeta' attrici ghalkemm kellu kariga sas-sena 2011 fil-kapacita' ta' *financial controller.* Illum huwa mpjegat mal-Corinthia Palace Hotel Company Limited. Il-Libja branch ta' CCOL kienet thallas it-taxxi gewwa l-Libja pero' jridu jiddistingwu bejn it-taxxa li tinqata' mill-paga tal-impjegat u t-taxxa illi l-kumpanija thallas fuq il-profitti bhala business. Huwa kkonferma illi gewwa l-Libja s-socjeta' attrici kienet thallas *stamp duty* li hija ekwivalenti piu' o meno ghas-sistema tal-VAT hawn Malta, kienet thallas

ukoll income tax fuq il-profitti li hija kienet tiggenera gewwa l-Libja u kienet ukoll taqta' t-tnaqqis statutorju mill-pagi tal-impjegati u thallashom il-Libja.

Mistoqsi jekk kienitx is-socjeta' attrici li tiehu in konsiderazzjoni tal-ispejjez in konnessjoni mal-pagi tal-impjegati bhala parti mill-profitti wiegeb illi l-komputazzjoni tal-profitti hija somma facli, tara d-dhul u tnaqqas l-ispejjez. Huwa spjega li n-*notional* expenses pero' m'humiex inkluzi ghaliex ma jithallsux mill-qliegh. Il-paga ta' Chris Rizzo ma kienitx fatturata f'dawn l-ispejjez. Il-paga ta' Chris Rizzo ma kienitx titnaqqas bhala spejjez tal-operat mill-branch tal-Libja pero' minn Malta kienet titnaqqas mill-*holding company* ta' Malta mill-accounts li kienu jinzammu hawnhekk lokalment u kienet tkun parti mill-*management fee* illi Malta kienet ticcargja lil-Libja. Huwa ufficjalment ma semghax li effettivament is-CCOL spiccat gewwa l-Libja u li hemm qed joperaw taht isem ta' kumpanija ohra registrata gewwa l-Libja stess. Il-paga per se ta' Christopher Rizzo kienet tiffeaturja fl-accounts ta' Malta u dan ghaliex fl-ahhar tas-sena anke bhala proprja *accounting practice* t-total ta' pagi li huwa qed inizzel bhala spejjez fl-accounts ta' kumpanija irid jikkoncilja bl-ezatt b'dak li jigi dikjarat mal-Inland Revenue fl-FS7 report fl-ahhar tas-sena u l-FS7 report jinhareg ghall-awtoritajiet ta' Malta. L-impjegati li jahdmu fil-Libja ma jidhlux fl-FS7 hawn Malta, jidhlu fl-ispejjez tal-branch tal-Libja. Sa fejn jaf ix-xhud Chris Rizzo kellu *a notional wage* dikjarata sabiex huwa jkun jista' jahdem il-Libja pero' din ma kinitx il-paga vera tieghu ghax ma kienx jithallas mil-Libja u ghalhekk it-taxxa li kienet tinhadem fuq il-paga ta' Christopher Rizzo kienet ibbazata fuq in-*notional wage* fis-sens li tigi dikjarata pero' ma jkunx hemm flus kontriha.

Illi fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2015 l-atturipprezenta nota ta' cessjoni fil-konfront tal-konvenuta Elaine Rizzo.

Illi nhar il-15 ta’ Jannar 2015 din il-Qorti semghet lill-partijiet jittrattaw l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta’ konvenuta u cioe’ li “*in linea preliminari tal-Artikolu 742 (a) tal-kap 12 tal-ligijiet ta’ Malta din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex il-kompetenza mehtiega sabiex tidderimi l-azzjoni odjerna. Inoltre minghajr pregudizzju ghall-premess din l-Onorabbli Qorti lanqas ma tista tisma’ u tiddeciedi l-azzjoni odjerna stante ‘illi ai termini ta’ l-artikolu 742 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ma hix vestita bil-gurisdizzjoni mehtiega.”*

Illi l-partijiet talbu ghalhekk li din il-Qorti tghati sentenza limitatament fir-rigward ta’ din l-istess eccezzjoni.

Illi in vista tan-nota ta’ cessjoni fil-konfront tal-konvenuta Elaine Rizzo din is-sentenza ser tinghata biss fil-konfront tal-konvenut Christopher Rizzo.

Il-Qorti rat is-sentenzi li gew mghoddija lilha waqt it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

L-avukat Dr Keith Borg ghan-nom tal-konvenut Christopher Rizzo qed jeccepixxi fost affarijiet ohra li din il-Qorti m’għandhiex gurisdizzjoni illi tisma’ l-kawża odjerna peress li din l-azzjoni ma tinkwadrax ruħha taħt l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 742 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-Avukat Dottor Keith Borg ukoll jeccepixxi li din il-Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni illi tisma’ l-kawza u dan ai termini tal-artikolu 741 (a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Min

naha l-ohra Dr Karl Brffa ghas-socjeta' attrici jikkontesta din l-eccezzjoni u jghid illi appuntu din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tisma' din il-kawza a bazi ta' l-istesss artikolu citat mill-konvenut.

L-eccezzjoni in kwistjoni hija wahda li tista' anke titqanqal ex officio purke' dan isir in limine. (vide Kumm. 14.5.1957 fil-kawza fl-ismijiet '**Portelli vs Portanier Mifsud et**') (Kollez. Vol: XLI.iii.1228).

L-**Artikolu 742(1) tal-Kap.12** jipprovdi – *"Bla ħsara ta' fejn il-ligi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Civili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privilegg għandhom gurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeciedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija –*

*(a) Cittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domicilju tagħhom band'oħra.*

*(b) kull persuna, sakemm jew għandha d-domicilju tagħha jew tkun toqgħod jew tkun qegħda Malta.*

*(c) kull persuna, f'kawża dwar ħwejjeg li qegħdin jew li jinsabu f'Malta.*

*(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, iżda għall-kawżi biss li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta.*

*(e) kull persuna illi, għalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'pajjiż ieħor, tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bil-fors għandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull każ, dik il-persuna tkun tinsab Malta.*

*(f) kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur eittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità guridika distinta jew assocjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta.*

*(g) kull persuna li tkun b'mod espress jew tacitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-gurisdizzjoni tal-qorti.*"

L-**Artikolu 742 tal-Kapitolu 12** jibda biex jiddisponi li "(1) *Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi espressament xort'ohra, il-Qrati Civili ta' Malta minghajr ebda distinzjoni jew privilegg, ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taht imsemmija*" u jelenka l-kazijiet fejn il-gurisdizzjoni tal-Qrati taghna, f'materja li tkun fil-kompetenza rispettiva taghhom, tigi radikata.

Illi jibda biex jinghad li, minkejja l-mod kif l-**artikolu 742(1)** huwa mfisser, il-kwistjoni ta' jekk Qorti Maltija ghandhiex is-setgha li tisma' u tqis kawza mressqa quddiemha (u li l-mertu taghha jaqa' fil-kompetenza taghha) trid titqies b'riferenza ghall-kwalitajiet tal-persuna mharrka, l-izjedfejn ir-raguni tal-gurisdizzjoni hija mibnija fuq il-prezenza tal-parti mharrka f'Malta. Din it-tifsira m'hija xejn ghajr l-applikazzjoni tal-massima guridika ewlenija li *actor sequitur forum rei u tal-ohra li tipprovdi ubi te invenio, ibi te convenio*. (**Angelo Cutajar and Sons Ltd v Dr. Anthony Cremona noe** – PA, JRM, Deciza 16 ta' Ottubru 2003; **Raymond Calleja v Dr. Raymond Pace et noe**. App.Civ., deciza 31 ta' Jannar 1996).

Jinghad li l-ewwel zewg sub artikoli jitkelmu dwar jekk il-persuna tkunx domiciljata jew residenti f'Malta u ghalhekk il-kriterju ta' gurisdizzjoni m'huwiex daqstant ic-cittadinanza imma d-domicilju tal-konvenut.

Dwar l-aspett ta' domicilju hemm id-domicilju ta' l-origini u dak ta' l-ghazla. Id-domicilju ta' l-origini jibqa' jissussisti sakemm ma jigix akkwistat domicilju gdid, liema domicilju gdid jigi akkwistat permezz ta' zewg rekwiziti, u cioe` r-residenza f'pajjiz kif ukoll l-intenzjoni tal-persuna u cioe` li tibqa' fil-pajjiz il-gdid b'mod permanenti. Ma hemm ebda ordni kronologika ta' dawn iz-zewg elementi u wahda tista' tipprecedi jew tissuccedi l-ohra. It-tul tar-residenza mhux kriterju konklussiv ghax iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha relevanti biex temergi l-konkluzjoni tad-tibdil *o meno* tad-domicilju.

It-tieni element, u cioe` dak ta' l-intenzjoni, jabbraccja zewg principji u cioe` n-natura ta' l-intenzjoni u l-evidenza ta' tali intenzjoni. In-natura ghandha tkun tali li f'mohh il-persuna jkun hemm l-intenzjoni ta' residenza permanenti (**Udny vs Udny**, 1896). L-evidenza ta' l-intenzjoni tigi manifestata minn pregudizzji, religjon, sahha, impulsi, imhabbiet, kondotta, aspettattivi finanzjarji u elementi ohra, liema indizji ta' l-intenzjoni tal-persuna jwasslu ghall-evidenza ta' l-intenzjoni taghha dwar l-aspett ta' domicilju.

L-intenzjoni tal-bdil ta' domicilju tista' temergi min-nuqqas ta' *animus manendi*, ossija l-intenzjoni li wiehed jibqa' f'pajjiz jew ghall-kuntrarju mill-*animus non redeundi*, ossija l-intenzjoni li wiehed ma jirritornax lejn id-domicilju precedenti.

Fil-kawza '**Mary Debattista vs George Debattista'**, Appell, 16/10/1961, (XLV.i.318) inghad:

*"Bhala regola jidher li hu principju affermat diversi drabi mill-Qrati Taghna illi l-Malti li jemigra, avolja jdum hafna zmien, ma jitlefx id-domicilju tal-origini tieghu meta jkun mar ghax-xoghol, anke jekk jiehu l-familja mieghu, sakemm ma jkunx hemm provi precizi li huwa ma ghandux ebda intenzjoni li jigi lura..."*.

Infatti, anke l-akkwist ta' proprjeta` immobbli barra minn Malta u kuntrattazzjoni ta' zwieg barra minn Malta ma humiex bizzejjed biex wiehed jitlef id-domicilju originali. Ara f'dan ir-rigward **Virginia Fenech vs Avukat Dr. Giuseppe Borg Olivier *et noe***, Prim'Awla 07/09/1964(XLVIII.ii.1147). Rinunzja ghal domicilju jrid jirrizulta minn cirkostanzi gravi, precizi u konkordanti, ara **Carmela Frendo vs Dr. Rene` Cremona *et noe***, (Prim'Awla 21/04/1961 - XLV.ii. 623). Bl-istess mod, il-permanenza, anke ghal zmien twil hafna, mhux bizzejjed minnu nnifsu biex jikkostitwixxi prova ta' l-intenzjoni li wiehed jichad id-domicilju ta' origini tieghu. Ara **Romeo Sammut *noe* vs Dr. Emmanuele Albanese *et noe***, Qorti tal-Kummerc 17/02/1936 (XXIX.iii.232), **Achille Dagata vs Marchesa Luisa Drago**, Prim'Awla 16/06/1884, u **Alfred Cassar vs Dr. Gerald Montanaro Gauci**, Prim'Awla, 3/12/1962, (XLVI.ii.727).

Tibdil f'domicilju jrid jirrizulta minn provi cari konklusivi li persuna ma kellhiex l-intenzjoni li tirritorna lura kif ben tajjeb stqarr l-avukat difensur tas-socjeta' attrici waqt it-trattazzjoni tieghu. Domicilju ta' l-origini jibqa' jsehh sakemm ma jigix assunt domicilju iehor, u ghalhekk li persuna ma tirritornax lura izjed fid-domicilju precedenti b'mod permanenti. Irid jirrizulta li l-persuna ma kellhiex l-intenzjoni li tirritorna u li anzi kellha l-intenzjoni tistabbilixxi ruhha fil-post il-

gdid. Fil-kawza '**<u>Lepre vs Dr. Joseph Tabone Adami *noe*</u>**', Prim'Awla 28/3/1960, (XLIV.ii.576), gie ikkwotat **Halsbury** fejn inghad:

*"every person at birth becomes a member both of a political and of a civili society. The former determines his political status or nationality, on which depends his allegiance to a sovwereign; the latter governs the latter determines his civil status. This means that the law which governs the civil society into which he is born, the law of his domicil of origin, is attached to his person and remains so attached wherever he goes, unless and until he ceases to be a member of that society, or changing his domicil; upon which the law of the new domicil becomes attached to him in the same manner (Laws of England, Vol. VI, no. 242, Hailsham Edition)".*

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tezamina l-provi li l-partijiet resqu f'dan ir-rigward.

Jidher li l-konvenut verament jghix parti kbira mis-sena gewwa l-Libja u dan minhabba in-natura tax-xoghol tieghu u dan skond il-kuntratt li ffirma mas-socjeta' attrici. Jinghad li l-atturipprezenta fl-atti a fol. 12 il-kuntratt tas-separazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti redatt min Nutar Anne Marie Tonna datat 12 ta' Marzu 2013 fejn f'dan l-sitess kuntratt l-konvenut indika li kien residenti Malta u fejn f'dan l-istess kuntratt iddikjara li l-proprjeta' li huwa ghandu ma' martu Elaine hija d-dar matrimonjali taghhom ghalkemm tali dar giet trasferita lill-mara. In oltre gie dikjarat fl-istess kuntratt li l-konvenut ghandu kontijiet bankarji hawn Malta f'ismu u dan ghandhom jibqghu jghajtu lilu esklussivament. Dan ghalhekk huwa indikattiv li l-konvenut irid jibqa' jghix hawn Malta fil-futur tieghu stante li jrid izomm id-dritt tieghu fuq id-dar li assenja lill-mara bhala dar matrimonjali. Jidher ukoll minn dak li semghet il-Qorti li mart il-

konvenut u uliedu jghixu hawn Malta u huwa xtaq ibiddel xi kundizzjonijiet fil-kuntratt tieghu sabiex ikun jista' jaghmel aktar zmien hawn Malta maghhom tant li talab sabiex il-laqghat li kien ikollu mas-socjeta' attrici hawn Malta jinzammu lejn l-ahhar tal-gimgha sabiex ikun jista' jghaddi zmien mal-familja tieghu (vide xhieda ta' Gerald Borg fejn stqarr li l-konvenut *"Filfatt kien talab li jizdiedlu l-leave minn 30 ghal 65 gurnata u r-raguni kienet sabiex ikun aktar vicin ghall-familja tieghu li kienet tghix hawn Malta")*. Jidher li l-konvenut ukoll kien talab lil Alfred Pisani sabiex jipprova isiblu xoghol hawn Malta u dan ghalhekk jirrifleti l-intensjoni ta l-konvenut li huwa jibqa domiciljat hawn Malta u fl-ebda hin ma jindika li l-konventu kellu xi itnenzjoni li ibidel id domicilju teighu. (vide xhieda ta' Alfred Pisani ghan-nom tas-socjeta' attrici datata 14 ta' April 2014). In oltre kif tajjeb osserva l-avukat tas-socjeta' attrici l-paga tal-konvenut tigi versata fil-kont bankarju tieghu hawn Malta (vide xhieda ta' Joseph Galea tat-12 ta' Marzu 2014 fejn stqarr "*il-bank tieghu",* b'referenza ghall-konvenut, *"huwa Bank of Valletta u n-numru tal-kont tieghu huwa 1317312924016*"), li huwa ihallas il-contributions tan-National Security hawn Malta minkejja li ma hux obbligat li jhallshom (vide xhieda ta' Ivan Cilia datat 21 ta' Mejju 2014 b'referenza ghad-dokument DSS tal-konvenut a fol. 137). Dan zgur jindika li l-intenzjoni tal-konvenut hija li jirtira hawn Malta u mhux li jibqa' jirrisjedi gewwa il- Libja. Jirrizulta wkoll li l-konvenut ihallas it-taxxa hawn Malta (vide pay slips esebita a fol. 11 et seq u FS 3 a fol. 60), li huwa registrat mal ETC hawn Malta (vide Dok JG 4 a fol. 125 u Dok CCOL 4 a fol. 85)) , li huwa jinghata il-bonuses mis-socjeta' skond il-ligi Maltija (vide pay slips tal-konvenut a fol. 114 et seq) u ghalhekk dan ikompli isahhah it-tesi tas-socjeta' attrici li l-kuntratt bejn il-kontendenti li gie iffirmat Malta huwa regolat skond il-ligi Maltija minkejja li gewwa il-Libja hemm ukoll registrat kuntratt iehor.

Dawn il-fatturi kollha huma prova konkreta li l-konvenut huwa domiciljat hawn Malta u ghalhekk jaqa’ fis-sub inciz (a) tal-Artikolu 742 tal-Kapitolu 12 u cioe’ li ma stabilixxa l-ebda domicilju band’ohra u fil-parametri tas-sub artikolu (B) ta’ l-istess artikolu li d-domicilju tieghu huwa hawn Malta.

Illi dwar is-sub inciz (c) tal-Artikolu 742 tal-Kapitolu 12 jipprovdi gurisdizzjoni ghall-Qrati Maltin kif hawn segwenti:

*“f’kull persuna, f’kawża dwar ħwejjeg li qegħdin jew li jinsabu f’Malta”*

Illi ghalhekk il-Qorti tista’ tezercita l-gurisdizzjoni ai termini tas-sub inciz appena imsemmi għaliex hija ghandha taccerta ruhha jekk il-hwejjeg – jigifieri l-flus li qed jintraddu lura li in effett huma l-“bone of contention” jinsabux f’Malta jew le. Allura dak li jrid jigi stabbilit huwa jekk il-flus li qed jintalbu jintraddu lis-socjetà attrici humiex hwejjeg li qeghdin jew li jinsabu hawn Malta.

Fis-sentenza ‘**Dr. Mark Fenech noe vs. Jean Clark’** deciza mill-Qorti tal-Kummerc nhar il-25 ta’ Jannar 1989, l-attur kien talab il-hlas tal-bilanc tal-prezz ta’ azzjonijiet f’socjeta’ registrata Malta. Il-konvenut eccepixxa n-nuqqas ta’ gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin ghaliex ebda mill-kontendenti ma kienu Maltin. Meta cahdet dik l-eccezzjoni il-Qorti qalet *“illi l-imsemmi Artikolu 742(1)(c) jikkonferixxi gurisdizzjoni fuq din il-Qorti biex tisma’ u tiddeciedi l-kawzi kollha li jirrigwardaw kull persuna dwar hwejjeg li qeghdin u/jew li jinsabu f’Malta* …”

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet '**Scicluna vs. Carbone**' deciza fit-28 ta' Novembru 1884 fejn gie stabbilit li '*hwejjeg*' li jinsabu f'Malta ikopru kwalsiasi oggett li ghandu valur: "*La parola 'cosa' nel suo ampio sinificato e tuttocio che ha un valore di scambio, e, per esserre piu comprensivo, la legga si e riferita a cose non solo situate, ma quelle semplicemente esistenti onde sono comprese non solo le cose materiali, o cose diconsi corporali, ma pure le cose immateriali che non si percepiscono da sensi ma hanno una esistenza intellettuale, come sarebbero un avviamento, un credito, o una pubblica estimazzione di un commerciante. I titoli, I cheques per le cose che rappresentano, le obbligazioni sono simili.*"

Issa fil-kaz in ezami jidher li l-attur fit-talba promotur tieghu qed jitlob lill-konvenut ghas-somma ta' elf, mija u erbgha u sebghin ewro (€1,174) rapprezentanti valur ta' proprjeta' mobbli taghha fosthom Laptop, USB u sellum liema oggetti baqghu ghand il-konvenut minkejja li l-impieg tieghu minn mas-socjeta' attrici gie terminat. Jidher car u dan sahasnitra anke minn qari tal-kuntratt dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li l-konvenut ghandu flejjes hawn Malta li jistghu jghamlu tajjeb ghad-domanda attrici una volta din il-Qorti tasal biex takkorda it-talba taghha. Ghalhekk dan is-sub-inciz jerradika ukoll gurisdizzjoni lil din il-Qorti f'dan il-kaz.

Riferibbilment ghas-**sub-artikoli 742(1)(d) u (e),** li huma predikati fuq il-prezenza tal-konvenut f'Malta, jinghad li bi "*prezenza*" wiehed ma jifhimx biss prezenza attwali, kontinwa u fizika, imma tista tinkludi fiha wkoll prezenza permezz ta' persuna rapprezentanti taghha. Minbarra dan, il-kelma "*obbligazzjoni*" m'ghandhiex titfisser b'mod restrittiv, imma ghandha tghodd ghal kull rabta li titnissel ex lege, minn kuntratt u sahansitra minn dawk imnisslin ex delicto (Ara,

per ezempju, P.A. 11.1.1918 fil-kawza fl-ismijiet "**G.E.C. vs Page et**." (Kollez. Vol: XXIII.ii.277); u "**Annati v Dr. Sammut noe**."(Kollez.Vol. X p.643) fejn gie ritenut li "*La dizione 'contrarre un'obbligazione e' dalla legge applicata indistintamente, tanto riguardo alle obbligazioni convenzionali, quanto alle contratte senza contratto, sia per quasi contratto, per delitto e quasi delitto*. Gie ritenut li in kwantu ghall kelma "*obligazzjoni*" din ma tirreferix biss ghall-obbligazzjonijiet konvenzjonalment assunti b'kuntratt izda tikkomprendi kull xorta ta' obbligazzjoni.. (vide **Carmelina Fernandez -v- Publio Pace noe** " - Q.A. dec. fil-11 ta' Marzu 1963)"

Illi mill-provi akkwiziti jidher li l-konvenut kellu prezenza hawn Malta tant li kien jigi Malta ghall-laqghat li kienu jinzammu b'mod regolari in konnessjoni max-xoghol tieghu u in oltre kellu l-obbligi tieghu finanzjarji u lavorativvi hawn Malta. Dawn huma l-obbligazzjonijiet li jaghtu presenza lill-konvenut hawn Malta. Ghalhekk dan is-sub-artikolu ukoll jaghti gurisdizzjoni lill-Qorti f'dan ir-rigward.

Illi skond **is-sub inciz (f) ta' l-Artikolu 742 tal-Kapitolu 12**, il-ligi tesigi li sabiex tigi eradikata gurisdizzjoni lejn il-Qorti jrid jigi provat li s-sentenza tkun tista' tigi esegwita hawn Malta. Irid jintwera' wkoll li fejn dan l-element huwa mehtieg filwaqt li nbdiet il-kawza, l-konvenut kellu f'Malta gid li fuqu l-eventwali sentenza moghtija kontrih tista' tigi ezegwita. Jidher li, b'harsien tal-principju li min jeccepixxi jrid jipprova, jaqa' fuq min jallega li l-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni li juri kif imiss ukoll li l-parti mharrka m'ghandhiex gid f'Malta li fuqu sentenza tista' tigi ezegwita.

Jibqa' ghalhekk ai fini tas-sub-**artikolu 742(1)(f)** li "Mhiex bizzejjed biex tirradika l-istess gurisdizzjoni *'una speranza di esecuzione futura, ma s'impone la*

*necessita' di accertarsi sul principio della lite se, nell'assenza dell;individuo azionato, vi sono beni nel Isola sopra i quali possa essere eseguito il gudicato*." (**Kollezz XVI-III-I).** Jenhtieg li jkun hemm ic-certezza li s-sentenza tista' tigi esegwita ghaliex il-gurisdizzjoni "hija ta' ordni pubbliku, u l-ezegwbbilita' taghha tikkostitwixxi l-element indispensabbli u l-bazi ta' listess gurisdizzjoni." (**Kollez. XXVI. Pt. I.Sez.II. p 37**).

Issa fil-kaz in desamina jidher li l-konvenut ghandu flejjes hawn Malta kif del resto jirrizulta kemm mill-kuntratt dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fejn jghid li l-flejjes il-konvenut ghandu l-bank f'ismu ser jibqghu proprjeta' tieghu u in oltre kif jirrizulta wkoll li l-konvenut jircievi s-salarju tieghu gewwa kont lokali tal-Bank of Valletta u ghalhekk zgur li din is-sentenza una volta tkun favorevoli ghas-socjeta' attrici tkun tista' tigi esegwita hawn Malta.

Fl-ahhar lok issir referenza ghall-ahhar sub-inciz tal-Artikolu 742 u cioe' ghal sub inciz (g) li jeradika gurisdizzjoni lill-Qorti fejn *"kull persuna li tkun b'mod espress jew tacitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-gurisdizzjoni tal-qorti."*

Illi mill-atti processwali jirrizulta li kien l-istess konvenut li kien talab l-gurisdizjoni ta' dawn il-qrati meta kien ipprezenta kaz quddiem it-Tribunal Industrijali nhar il-15 ta' Frar 2013 esebit a fol 49B fejn sostna li t-terminazzjoni tal-impieg tieghu kienet wahda ingusta u sabiex tigi likwidata dak dovut lilu in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu. L-avukat difensur tal-konvenut sostna li t-Tribunal Industrijali ma jaqax taht it-tifsira tal-gurisdizzjoni lejn il-Qrati lokali ghaliex huwa Tribunal u mhux Qorti. Bir-rispett kollu dan l-argument ma jsib l-ebda sostenn fis-sistema legali taghha u dan ghaliex tali Tribunal ghandu l-istess

effetti ta' Qorti fis-sens li s-sentenza tieghu tkun tista' tigi esegwita bla ebda forma ta' intervent ta' Qrati. Ghalhekk kien korrett meta l-avukat difensur tas-socjeta' attici qal fit-trattazzjoni tieghu li l-konvenut diga' issottometta ruhu ghal gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin.

Qabel ma din il-Qorti tghaddi sabiex tichad l-eccezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni u tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza, thoss li ghandha tawgura lill-avukati difensuri tal-partijiet ghall-mod professjonali li mxew f'din il-kawza fis-sens ta' gudizzju qawwi lejn il-klijenti rispettivi taghhom u tawguralhom sabiex ikomplu jkunu daqstant preparati f'kull kawza ohra li qieghdin jiddefendu.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjoni tal-konvenut ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni u tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza.**

**L-ispejjez huma rizervati ghall-gudizzju finali.**

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------